KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 03/8/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 03

*L-Erbgħa 4 ta' Settembru 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 4 ta' Settembru 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros - *Kunsilliera*
Neville Camilleri - *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ma kien hemm ħadd assenti.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 02 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Talba mingħand il-Malta Public Transport sabiex issir kampanja ta' *marketing* għall-ingaġġ ta' impjegati li tinkludi wkoll il-parkeġġ ta' karozza tal-linja fil-pjazza. Il-membri approvaw din it-talba diment li din il-karozza tal-linja tipparkja fejn jipparkjaw il-vetturi tal-funerali.

3.2. Talba mingħand is-Sur Vince Williams biex issir wirja żgħira fil-foyer tal-Kunsill dwar l-ewwel film talkies. Il-membri approvaw.

3.3. Talba sabiex l-impjegata Christine Wyns titla *increment* fl-iskala tagħha kif mitlub mill-ftehim settorali tal-istess impjegati tal-Kunsill. Il-membri approvaw.

3.4. Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv fid-dawl tal-emenda fil-liġi li tista' tintagħżel persuna minn fost l-impjegati tal-Kunsill il-fuq minn Skala 11. Il-membri approvaw li s-Segretarju Eżekuttiv jitkellem maż-żewġ impjegati tal-Kunsill li huma il-fuq mill-iskala 11 sabiex jaraw min minnhom ikun interessat.

## 4. Gay Pride Week

4.1. Il-Kunsillier Yvonne Arqueros ikkonfermat illi ser issir it-taħdita bit-tema "LGBTIQ issues". Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Delezio infurmaw lill-membri illi sfortunatament ser ikunu msiefrin għall-din il-laqgħa.

4.2. Il-Kunsillier Yvonne Arqueros infurmat ukoll lill-membri illi ser isir it-trasport kif pjanat ukoll għall-attività tal-Gay Pride fil-Belt Valletta kif ukoll illi ser issir żebgħa bil-kuluri tal-qawsalla fil-pelican crossing ta' quddiem l-għassa.

5. **Attivitajiet fis-sala tal-Kunsill**

5.1. Is-Sindku qal li issa li reġa' beda Settembru ser jerġa jibda jopera iċ-Ċentru Anzjanità Attiva kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ħamis kif ukoll li ser jibdew ukoll klassijiet ta' nutrizzjoni u *fitness* nhar ta' Ġimgħa filgħodu u klassijiet ta' *fitness* s-Sibt. Is-Sindku kompla wkoll li hemm talba għal xi klassijiet filgħaxija u qal li ser naraw kif nistgħu nakkomodaw din it-talba. Il-membri qablu li l-ħlas tar-reġistrazzjoni imur kollu kemm hu għall-fond għall-kawżi ġusti imħaddem mill-Kunsill.

6. ***Attività-Għaqda Soċjali Muzikali Kristu Sultan***

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi fid-dawl tat-talba li irċieva l-Kunsill Lokali Paola sabiex issir attività mal-Għaqda Soċjali Muzikali Kristu Sultan, huwa kien iltaqa' ma' rappreżentanti tas-Soċjeta sabiex tiġi diskussa din l-attività. F'din id-diskussjoni intlaħaq qbil li l-Kunsill jiffinanzja l-ispiża skond dak li s-Soċjeta għanda ħsieb torganizza u għalhekk kella issir wkoll laqgħa oħra sabiex naraw eżattament x'ser tinvolvi l-attività. Is-Sindku kompla li l-ħsieb huwa li ssir attività fil-pjazza li tfakkar tradizzjonijiet antiki Maltin. Il-membri iddiskutew id-data proposta li kienet ser taħbat ma' attivitajiet oħrajn fin-naħa ta' isfel ta' Malta u qablu li filwaqt li l-Kunsill għandu jikkollabora sabiex jorganizza din l-attività għanda tinstab data oħra.

7. **Jum Paola**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi fil-laqgħa tal-lum trid tinstab data għall-Jum Paola ta' din is-sena. Il-membri iddiskutew possibiltajiet differenti u qablu li Jum Paola 2019 ssir fis-16 ta' Novembru sabiex umbagħad tinstab data oħra għas-sena id-dieħla li tkun aktar sinifikattiva mal-lokalita. Il-membri qablu wkoll li tintbagħat korrispondenza lill-Għaqdiet tal-lokali sabiex isiru in-nomini għall-Ġieħ Paola. Il-Membri qablu li l-Viċi Sindku Darren Lynch għandu jaħdem fuq l-programm sabiex dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

8. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

8.1. Is-Sindku fakkar lil Kunsillier Camilleri dwar l-analiżi li trid issir tal-pjanti mejta. Il-Kunsilleri Camilleri tkellem mal-kuntrattur u għandu jiltaqa' miegħu sabiex jara eżatt x'inhu l-każ.

8.2. Is-Sindku informa lil membri illi ftit żmien ilhu kien tkellem ma' Transport Malta fid-dawl tal-problemi ta' periklu fit-traffiku fi Triq Għajn Dwieli. Huwa kompli li kien infurmat li kellhom jintbagħtu pulizija bl-speed mobile cameras.

Is-Sindku qal li għandna nerġgħu nitkellmu ma' Transport Malta sabiex dan il-periklu jiġi investigat. Il-membri qablu. Is-Sindku talab ukoll li nitkellmu mal-istess Awtorità dwar il-periklu tat-trakkijiet u kontejners li jgħaddu minn Triq l-Isqof Buhagiar.

8.3. Is-Sindku informa lil membri illi lejn tmiem is-sena 2016, il-Kunsill Lokali Paola kien sejjaħ laqgħa mal-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li joperaw miz-zona Industrija ta' Kordin. F'din il-laqgħa ġie innotat li hemm partijiet f'din iz-zona industrijali li la huma fir-responsabiltà tal-MIP u wisq anqas tal-Kunsill Lokali Paola u għaldaqstant inħoloq dubju shih dwar min tassew hu responsabbli. Il-membri qablu li tintbagħat korrispondenza lill-Ministeri relatata fejn nitolbu li din il-materja tiġi diskussa fuq livell ministerjali sabiex tiġi ċċarata darba għal dejjem ir-responsabiltà taż-żona shiha ta' Kordin.

8.4. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ittra għall-uħud mill-ħwienet li tissuġġerixxi li dawn ipoġġu bin għas-sigaretti quddiem il-bibien tagħhom. Il-membri approvaw.

8.5. Is-Sindku informa lill-membri li kien ikkuntattjat mill-Awtorità tad-Djar sabiex isir proġett ta' tisbieħ tal-komun fil-blokok li fadal. Fid-dawl li uħud mill-blokok li fadal huma dawk ta' Triq tal-Borġ, dawn ġew ikkuntatjati mill-Kunsill sabiex jattendu għal-laqgħa fejn jiġu infurmati b'dan il-proġett.

## 9. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

9.1. Il-Kunsilliera Rita Delezio staqsiet jekk hux ser jitneħħew il-magni li mhux jintużaw fejn l-stages tal-karozzi tal-linja. Il-Kunsillier Bartolo irrisponda li għalissa mhux ser jinqalgħu fid-dawl li għandom pjanijiet oħra għalihom.

9.2. Il-Kunsillier Ivan Bartolo ssuġġerixxa li isiru tabelli li isiru tabelli biex ma jitħallewx roti fil-Pjazza. Il-membri qablu li jiġi esplorati jistgħu isiru t-tabelli. Dwar il-pjazza il-Kunsillier Axisa dwar l-applikazzjoni tal-mwejjed u siġġijiet tal-pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi x-xogħol għaddej mill-Perit Chris Mintoff. Hawnhekk il-Kunsillier Bartolo ssuġġerixxa li isir xi monument ta' De Paule fil-pjazza.

9.3. Il-Kunsillier Axisa informa lill-membri bil-konklużjonijiet tal-laqgħa li attenda għaliha mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

9.4. Il-Viċi Sindku staqsa għalfejn ma twaħlux il-bankijiet ta' Ġnien Lorry Sant. Is-Sindku infurmah li dan ma sarx fid-dawl li hemm ħsarat li iridu jitranġaw fejn fost l-oħrajn trid tinqala l-art tal-istess ġnien.

9.5. Il-Viċi Sindku wera ix-xewqa li isir xi ħaġa bil-ħafna xelters li hawn fil-lokalità. Is-Sindku qal li jkun sabiħ li dawn jitgħattew bil-ħġieġ.

9.6. Il-Kunsillier Neville Camilleri informa lill-membri illi kien qed jiċċekkja ix-xogħol tal-kenniesa u qal li staqsewh xi nies sabiex isir *clean-up day*. Is-Sindku qal li meta ssir *clean-up* tkun qed tagħmel xogħol tal-kuntratturi u żied ukoll li l-postijiet li hawn sabiex jitnaddfu huma ħafna drabi privati. Il-membri qablu li tkun idea tajba jekk xi ħaġa simili issir mal-Kunsill Lokali tal-Fgura sabiex jitnaddaf Wied Blandun, fid-dawl li dan il-wied jagħmel mal-lokalita tal-Fgura.

## 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 03 għas-somma ta' €21,421.87.

## 11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 9 ta' Ottubru 2019.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 9 ta' Ottubru 2019.

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |